

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000039/2017**

**lill-Kummissjoni (Viċi President / Rappreżentant Ĝholi)**

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**Soraya Post, Tanja Fajon, Elena Valenciano, Knut Fleckenstein, Pier Antonio Panzeri**  
f'isem il-Grupp S&D

**Ulrike Lunacek, Rebecca Harms, Heidi Hautala**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Dennis de Jong, Malin Björk, Eleonora Forenza, Marisa Matias, Helmut Scholz, Stefan Eck, Cornelia Ernst, Merja Kyllönen, Rina Ronja Kari, Marina Albiol Guzmán, Gabriele Zimmer**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Marietje Schaake**

f'isem il-Grupp ALDE

**Ian Duncan**

f'isem il-Grupp ECR

**Suġġett:** VP/HR - Implantazzjoni tal-Linji Gwida tal-Kunsill dwar I-LGBTI, b'mod partikolari fir-rigward tal-persekuzzjoni tal-irġiel (meqjusa bħala) omosesswali fiċ-Ċeċenja, ir-Russia

Il-Linji Gwida tal-UE dwar I-LGBTI jippreskrivu approċċ proattiv għad-Delegazzjonijiet tal-UE u għall-ambaxxati nazzjonali tal-Istati Membri, fir-rigward tal-promozzjoni tad-drittijiet tad-drittijiet LGBTI.

*Novaya Gazeta*, gazzetta Russa, dan l-aħħar irrappurtat li mill-inqas 100 raġel ġew detenuti fiċ-Ċeċenja, fir-Russia, fuq suspett ta' omosesswalitā, u sofrej tortura u umiljazzjoni ħorox fħabsijiet mhux ufficjalji. Mill-inqas tliet irġiel ġew irrappurtati maqtula. Ħafna għadhom miżmuma fħabsijiet fejn qed iħabtu wiċċhom ma' tortura u trattament inuman f'kundizzjonijiet orribbli. L-awtoritatijiet reġjonali ċaħdu dawn l-allegazzjonijiet, u wieġbu billi qanqlu aktar mibegħda kontra l-persuni meqjusa bħala omosesswali. L-awtoritatijiet nazzjonali Russi jkomplu jinjoraw dawn il-fatti.

Riċentement, is-sitwazzjoni ġuridika u/jew ir-realtà li jgħixu l-persuni LGBTI marret għall-agħar b'mod konsiderevoli f'għadd ta' pajjiżi oħra wkoll, inkluż fin-Niġerja, fl-Uganda, fl-Eğġittu, fiċ-Chad u fl-Indoneżja.

X'azzjoni ħa s-SEAE fil-każ speċifiku taċ-Ċeċenja u ġew ikkonsultati l-organizzazzjonijiet LGBTI matul il-proċess? Is-SEAE qajjem din il-kwistjoni mal-awtoritatijiet rilevanti Russi sabiex jiżgura l-protezzjoni ġuridika u fiżika għall-vittmi, kif ukoll għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti li żvelaw din il-kwistjoni?

X'inhu jagħmel is-SEAE biex jiżgura li I-Linji Gwida tal-Kunsill dwar I-LGBTI jiġu applikati b'mod koerenti u konsistenti madwar pajjiżi differenti?

Imressqa: 8.5.2017

Mgħoddija: 10.5.2017

L-iskadenza għat-tweġiba: 17.5.2017